MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 400/2010

Kawza fil-lista: 27

**A C B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Patrick Valentino**
**u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewwgu civilment fil-21 April 2001, wara li kellhom tifel li twieled fit-30 Lulju 2000; li l-partijiet ilhom aktar minn disa' [9] snin separati de facto, u fis-sena 2007 l-konvenut, cittadin Libjan, qabad u telaq minn Malta minghajr ma nforma lill-attrici u abbanduna lilha u lit-tifel taghhom; li l-attrici zzewwget

wara pressjoni da parti ta’ l-intimat li kienet skadietlu l-visa, u dan baqa’ jinsisti maghha biex huma jizzewwgu sabiex il-konvenut ikollu dritt li jibqa’ Malta;  li hekk kif hargitlu l-karta’ ta’ l-identita’ Maltija, l-konvenut qabad u telaq u abbanduna lill-attrici, u dan circa erba’ xhur wara z-zwieg; li l-kunsens matrimonjali tal-kontendenti kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat baejn il-partijiet;  bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha nformaw lill-Qorti li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi l-affidavit prezentat mill-attrici;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-21 April 2001 huwa null fil-ligi, fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Illi l-fatti fuq indikati konfermati mill-attrici bil-gurament ma gewx kontraddetti.  L-attrici fl-affidavit taghha tghid ukoll li hi kienet izzewwget lill-konvenut sabiex dan ikun jista’ jghix Malta; filwaqt li, wara z-zwieg, il-konvenut qatt ma’ taha kasha, u eventwalment, wara li ottjena l-karta ta’ l-identita’ Maltija, telaq minn Malta.

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, stante li jirrizulta mill-provi li, ghalkemm il-konvenut esternament ghadda minn cerimonja ta’ zwieg, izda nternament u b’ att pozittiv tal-volonta’ tieghu huwa eskluda l-obbligi essenzjali ghaz-zwieg, senjatament dak tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni ta’ l-ulied u t-trobbija tat-tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-21 April 2001;  l-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------